KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA’ LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-04

It-Tnejn 1 ta’ Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa’ fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f’ Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar it-Tnejn 1 ta’ Lulju 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b’apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

**01.01** **Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

01.01.01 Is-SE informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**01.02** **Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

01.02.01 Il-Kunsillier Grima bħala l-iktar Kunsillier anzjan skont il-liġi, staqsa lil Kunsillier Silvio jekk kienx qed jaċċetta l-kariga ta' Sindku peress li fl-elezzjoni li saret fl-1 ta' Ġunju, kien l-iktar Kunsillier li ġab voti mill-partit li kellu l-maġġoranza tal-membri eletti.

Il-Kunsillier Silvio informa li kien qed jaċċetta din il-kariga u iffirma l-Ittra t'Aċċettazzjoni.

**01.03** **Ġurament tal-Kariga ta' Sindku**

01.03.01 Il-Kunsillier Silvio ingħata l-ġurament tal-kariga ta' Sindku mill-Kummissarju tal-Ġustizzja.

Is-SE libbes l-insinja lis-Sindku u stiednu sabiex ikompli jippresjedi l-laqgħa.

**01.04** **Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

01.04.01 Is-Sindku staqsa lil Kunsillier Grima jekk kienx qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku peress li hu kien it-tieni l-iktar kandidat li ġab voti fl-ewwel għadd mill-partit li kellu l-maġġoranza ta' membri eletti.

Il-Kunsillier Grima informa li kien qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u iffirma l-Ittra t'Aċċettazzjoni.

**01.05** **Ġurament tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

64.05.01 Il-Kunsillier Grima ingħata l-ġurament tal-kariga ta' Viċi Sindku mill-Kummissarju tal-Ġustizzja.

**01.06** **Diskors mis-Sindku**

01.06.01 Is-Sindku beda d-diskors tiegħu billi rringrazzja lil-sħabu l-Kunsillieri kif ukoll lil ex-Kunsillieri li jew ma kkontestawx l-aħħar elezzjoni jew li ma ġewx eletti. Huwa rringrazzja wkoll lill-kandidati li kkontestaw din l-elezzjoni u ma ġewx eletti u wera x-xewqa li dawn in-nies ma jitwarrbux u li idealment ikunu nklużi

Kunsill Lokali Paola

f'sotto kumitati. Huwa wiegħed li ser jibqa' viċin in-nies li eleġġewħ u wiegħed li ser jagħti każ dak li sema mingħandhom waqt id-*door-to-door*.

**01.07 Responsabbiltajiet tal-Kunsillieri**

01.07.01 Is-Sindku qassam ir-responsabbiltajiet lill-Kunsillieri għal din il-leġislatura u filwaqt li awgura l-ħidma t-tajba lil kulħadd, informa li kien qed jirriserva d-dritt li wara sena jirrevedi dawn ir-responsabbiltajiet. Huwa qal li qassam ir-responsabbiltajiet skont il-kapaċitajiet tal-Kunsillieri. Kopja Annessa.

**01.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

01.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024 fis-6:00 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

# KUNSILL LOKALI PAOLA

## Id-Disa' Leġislatura

## Responsabbiltajiet tal-Kunsillieri

| | | |
|---|---|---|
| **Jason Silvio** | ***Sindku*** | **Proġetti, Infrastruttura, Kultura**<br>Ordni Pubblika u Infurzar, Materji Legali, Finanzi<br>Komunita' Kummerċjali, Relazzjonijiet Pubbliċi<br>Jum Paola, Soft Areas, Turiżmu, Public Convenience<br>Attivitajiet Kawżi Ġusti, Suq |
| **Dominic Grima** | ***Viċi Sindku*** | **Anzjani, Qasam Soċjali**<br>Ċentru Anzjanita' Attiva, Trasport<br>Immaniġjar tat-Traffiku, Street Lighting |
| **Darren Lynch** | ***Kunsillier*** | **Sports u Attivitajiet Fiżiċi, L-Innovazzjoni**<br>*Oqsma tad-Djar, Ordni Pubblika u Infurzar* |
| **Neville Camilleri** | ***Kunsillier*** | **L-indafa, l-Ambjent, Komunitajiet**<br>Soft Areas, Għaqdiet, BCRS |
| **Roderick Caruana** | ***Kunsillier*** | **Integrazzjoni Soċjali**<br>UE / Ħidma Internazzjonali, Wirt Storiku, Public Convenience |
| **Rose Piccinino** | ***Kunsilliera*** | **Edukazzjoni, Ħarsien tal-Annimali**<br>Ħsarat Dawl u Ilma, Relazzjonijiet Pubbliċi |
| **Melanie Agius Attard** | ***Kunsilliera*** | **Iż-Żgħażagħ u Tfal**<br>Saħħa, Persuni b'Abiltajiet Speċjali, Turiżmu |